MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Numru. 605/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs.**

**Bushra Triganza**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Bushra Triganza ta' 42 sena, bint Abdalla u Brekka nee Hisnawi, imwielda Tripli nhar il-15 ta' Marzu 1967, residenti Dstell, MYHA Paola, 17 Triq tal-Borg, Paola, detentrici tal-karta ta' l-Identita numru 19624 (A).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Gunju 2009, kif ukoll f'dawn l-ahhar hames snin, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Aktar talli saret recidiva b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LLD nhar il-11 ta’ Jannar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. Aktar talli ikkommettejt reat waqt li kont taht perjodu operativ ta’ sentenza sospiza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u

ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Wara li semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, li l-fedina penali taghha m'hijiex allarmanti, li wara li bdew il-proceduri kriminali odjerni, l-imputata ghamlet tentattiv serju biex tohrog mill-vizzju tad-droga tant li qed taghmel programm mal-agenzija Caritas.

Pero, din il-Qorti ma tistax ma tiehux ukoll in konsiderazzjoni li qabel ma ikkommettiet ir-reati odjerni, l-imputata kienet diga tpoggiet darbtejn taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin,[1] u dan nonostante l-imputata baqghet ma tghallmet xejn, tant li baqghet tabbuza mid-droga. In oltre, mill-istqarrija ta' l-imputata, u mill-imputazzjonijiet fit-tahrika li gew ammessi mill-imputata quddiem dina l-Qorti, jirrizulta li l-imputata kienet ilha tabbuza mid-droga xi hames snin qabel gie maqbuda *red handed* mill-pulizija f'Gunju ta' l-2009, jigifieri kienet ilha tabbuza mid-droga minn cirka l-2004.[2] Bis-sentenza tal-11 ta' Jannar 2006 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta,[3] l-imputata giet impoggija taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin – u cioe sal-11 ta' Jannar 2009, u ghalhekk jirrizulta car li l-imputata baqghet tabbuza mid-droga matul il-perjodu kollu ta' l-ordni ta' probation.

[1] Ara Dok JJB3 a fol. 16 tal-process, li hija sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Jannar 2006, li a fol. 24 poggiet lill-imputata taht Ordni ta' Probation, u li a fol. 26 tirreferi ghal Ordni ta' Probation ohra moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 t'April 2002.

[2] Ara stqarrija ta' l-imputata a fol. 14 tal-process.

[3] Ara Dok JJB3 a fol. 16 tal-process.

In oltre, dan l-abbuz gie kommess waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u meta l-imputata hi recidiva. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(7) tal-Kodici Kriminali, sentenza sospiza ma tistax tinghata meta l-ikkundannat ikun recidiv. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ifisser li ladarba l-imputata hija recidiva, is-sentenza sospiza ma tistax tigi estiza, ghax meta Qorti testendi sentenza sospiza, fil-verita tkun qed tibdel is-sentenza sospiza. Fil-fatt fi kliem l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap.9 il-Qorti tkun qed *"tibdel l-ordni originali maghmul bis-sahha ta' l-Artikolu 28A(1) billi minflok il-perjodu operattiv hemm specifikat taghmel perjodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba snin mid-data tal-bdil."*

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputata inghatat opportunitajiet bizzejjed biex tirriforma ruhha, u li apparti milli tinghata piena ghar-reati li taghhom instabet hatja fil-kawza odjerna u li taghhom ammettiet li hi hatja, is-sentenza sospiza li kienet inghatatilha ghandha tigi reza operattiva.

Peress, li fil-proceduri odjerni ma gewx mahtura esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ahhar talba tal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 49, 50, 28A, 28B u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u tikkundannaha ghal sitt (6) xhur habs effettiv.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' xahrejn habs sospizi ghal sentejn moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta' Gunju 2003, kif mibdula f'piena ta' xahrejn prigunerija sospizi ghall-erba' (4) snin mill-11 ta' Jannar 2006 permezz ta' sentenza ta' l-istess data fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, tigi reza operattiva, u b'hekk l-

hatja ghandha taghmel perjodu globali ta' tminn (8) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------